

- 6) Id-dispożizzjoni c̊citatā iktar 'il fuq tad-Direttiva 2004/38 tista' tiġi interpretata fis-sens li fil-każ fejn il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru ma titrattax taħt kull aspett b'mod ekwivalenti ż-żwieġ u l-unjoni rreġistrata, tali unjoni rreġistrata fl-ebda każ ma tagħti l-istatus ta' membru tal-familja, anki jekk jittieħed inkunsiderazzjoni l-kliem tal-Artikolu 37?
- 7) Id-dispożizzjoni c̊citatā iktar 'il fuq tad-Direttiva 2004/38 tista' tiġi interpretata fis-sens li l-ekwivalenza għaż-żwieġ għandha tinkludi s-sitwazzjonijiet u l-konsegwenzi legali kollha? Jekk l-ekwivalenza ma għandex tkun kompleta, firrigward ta' liema punti għandu jkun hemm, jekk ikun il-każ, korrispondenza bejn iż-żewġ status.
- 8) Il-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħmel distinzjoni bejn il-kunċett ta' iskrizzjoni ("bejegyzés") u dak ta' regiestrazzjoni ("regisztráció") jew tużahom b'mod interkambjabbi, għandu jew jista' jkollu effett fuq l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni c̊citatā iktar 'il fuq tad-Direttiva 2004/38?
- 9) L-Artikolu 37 tad-Direttiva 2004/38 jista' jiġi interpretat fis-sens li leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tkun ikkunsidrata bħala li tinkludi dispożizzjonijiet iktar favorevoli fis-sens ta' dan l-artikolu meta l-imsemmija leġiżlazzjoni ma timponix li l-unjonijiet irregistriati jkunu ekwivalenti għaż-żwieġ?

⁽¹⁾ Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo – Sala Tercera Contencioso-Administrativo (Spanja) fl-14 ta' Ottubru 2014 – Entidad de Gestión de Derechos de los Productores Audiovisuales (EGEDA) et vs Administración del Estado et

(Kawża C-470/14)

(2015/C 007/18)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo, Sala Tercera Contencioso-Administrativo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Entidad de Gestión de Derechos de los Productores Audiovisuales (EGEDA), Derechos de Autor de Medios Audiovisuales (DAMA) u Visual Entidad de Gestión de Artistas Plásticos (VEGAP)

Konvenuti: Administración del Estado, Asociación Multisectorial de Empresas de la Electrónica, las Tecnologías de la Información y la Comunicación, de las Telecomunicaciones y de los contenidos Digitales (AMETIC), Entidad de Gestión, Artistas, Intérpretes o Ejecutantes y Sociedad de Gestión de España (AIE), Asociación de Gestión de Derechos Intelectuales (AGEDI), Sociedad General de Autores y Editores (SGAE), Centro Español de Derechos Reprográficos (CEDRO) u Artistas Intérpretes, Sociedad de Gestión (AISGE)

Domandi preliminari

- 1) Sistema ta' kumpens ġust għal kopja privata li, filwaqt li tibbażza l-istima tagħha tal-ammont tal-kumpens fuq id-dannu effettivament ikkwazżat, hija ffinanzjata mill-bagħit ġenerali tal-Istat, b'tali mod li ma huwiex possibbli li jiġi għarantit li l-ispiża ta' dan il-kumpens tiġi sostnuta mill-utenti ta' kopji privati, hija konformi mal-Artikolu 5(2)(b) tad-Direttiva 2001/29⁽¹⁾?

- 2) Fil-każ ta' risposta affermattiva, il-fatt li l-ammont totali allokat mill-baġit ġeneralni tal-Istat għall-kumpens ġust għal kopja privata, minkejja li jkun ikkalkolat fuq il-bażi tad-dannu effettivament ikkawżat, għandu jiġi stabbilit fil-limiti baġitarji stabbiliti għal kull sena finanzjarja, huwa konformi mad-Direttiva 2001/29?

⁽¹⁾ Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1 p. 230)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Symvoullo tis Epikrateias (il-Ġreċċa) fl-20 ta' Ottubru 2014 – Dimos Kropias Attikis vs Ypourgos Perivallontos, Energeias kai Klimatikis Allagis

(Kawża C-473/14)

(2015/C 007/19)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Qorti tar-rinviju

Symvoullo tis Epikrateas

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Dimos Kropias Attikis

Konvenut: Ypourgos Perivallontos, Energias kai Klimatikis Allagis

Domandi preliminari

- 1) Pjan regolatur ta' agglomerazzjoni urbana metropolitana, li jimponi għanijiet ġenerali, linji gwida u programmi għall-organizzazzjoni tal-ipjanar territorjali u urban taż-żona l-kbira tal-imsemmija agglomerazzjoni, b'mod partikolari billi jiffissa bħala għanijiet ġenerali, fost l-oħrajn, il-protezzjoni taż-żoni muntanjużi ta' madwarha u l-waqfien tal-espansjoni taż-żona urbana mibnija, jikkostitwixxi jew le att li jeżenta lill-awtorità amministrattiva kompetenti milli tissuġġetta għall-proċedura ta' stima ambjentali strateġika prevista mid-Direttiva 2001/42/KE⁽¹⁾ (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 157) – fis-sens tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, kif interpretat mis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Marzu 2012, Inter-Environnement Bruxelles, C-567/10, EU:C:2012:159, punt 42 – pjan adottat sussegwentement permezz ta' digriet abbażi ta' awtorizzazzjoni prevista mil-liġi li tinkludi l-imsemmi pjan regolatur, liema pjan jistabbilixxi żoni ta' protezzjoni għal waħda mill-imsemmija żoni muntanjużi u jirregola l-użi u l-aktivitajiet li huma permessi fihom, bil-għan li jispeċifika u jimplementa l-għanijiet tal-protezzjoni taż-żoni muntanjużi u tal-waqfien tal-espansjoni urbana?
- 2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda: fil-każ li, minħabba d-data ta' adozzjoni tal-pjan fil-kuntest ta' serje ġerarkika ta' atti ta' ppjanar territorjali, ma kinitx twettqet l-istima ambjentali strateġika prevista mill-imsemmija Direttiva 2001/42/KE fir-rigward ta' dan il-pjan, huwa neċċessarju jew le issa titwettaq din l-evalwazzjoni, fl-okkażjoni tal-att adottat matul il-perjodu ta' validità tad-Direttiva, liema att jispeċifika l-imsemmi pjan?
- 3) Fil-każ ta' risposta negattiva għat-tieni domanda: meta digriet jinkludi dispożizzjonijiet dwar miżuri ta' protezzjoni u dwar attivitajiet u użi awtorizzati f'żona inkluża bħala sit ta' importanza għall-Komunità (SIK), żona speċjali ta' konservazzjoni (ŻSK) u żona ta' protezzjoni speċjali (ŻPS) fil-kapitolu nazzjonali tan-netwerk NATURA u meta dawn id-dispożizzjonijiet tabilħaqq jistabbilixxu sistema ta' protezzjoni assoluta tan-natura – li tawtorizza biss installazzjonijiet ta' protezzjoni kontra n-nar, ġestjoni forestali u mogħdijiet għall-mixi fil-kampanja – iż-żda madankollu mill-atti preparatorji għall-adozzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet ma jirriżultax li ttieħdu inkunsiderazzjoni jist-l-ġħanijiet ta' konservazzjoni ta' dawn iż-żoni – jiġifieri il-karatteristiċi ambjentali speċifiċi li ġġustifikaw l-inklużjoni tagħhom fin-netwerk NATURA –, filwaqt li, barra minn hekk, dawn id-dispożizzjonijiet iż-żommu wkoll, fiż-żona inkwistjoni, attivitajiet li issa ma għadhomx aċċettati, għas-simpliċi raġuni li dawn l-aktivitajiet kienu kompatibbli mas-sistema ta' protezzjoni preċċidenti, dan id-digriet jikkostitwixxi jew le pjan ta' ġestjoni, fis-sens tal-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 92/43/KEE⁽²⁾ (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102), li l-adozzjoni tiegħu ma għandhiex tiġi ppreċeduta b'mod obbligatorju minn stima ambjentali strateġika skont l-imsemmi artikolu, flimkien mal-Artikolu 3(2)(b) tal-imsemmija Direttiva 2001/42?